

Paġna ewlenija>Taħriġ, networks ġudizzjarji u aġenziji>Taħriġ tal-prattikanti legali>Strutturi tat-taħriġ nazzjonali>**Sistemi tat-taħriġ tal-avukati**

Sistemi tat-taħriġ tal-avukati

Il-Kmamar tal-Avukati, prattiki privati jew ditti legali, dawk li jipprovdu t-taħriġ u l-universitajiet huma l-organizzaturi ewlenin tal-perjodu ta' induzzjoni tal-avukati fl-Istati Membri tal-UE. F'xi Stati Membri, dan il-kompitu jitwettaq minn Qrati tal-Appell u mill-Ministeru tal-Ġustizzja Is-supervizzjoni ta' taħriġ kontinwu, fejn din teżisti, tiġi żgurata mill-Kamra tal-Avukati.

Dawn huma skedi informativi li jiddeskrivu s-sistemi ta' taħriġ tal-avukati fl-Istati Membri tal-UE.. Dawn jistgħu jkunu utli għal kmamar tal-avukati nazzjonali u jgħinu jqabblu t-taħriġ mogħti lill-avukati li jixtiequ jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' stabbiliment fi Stat Membru ieħor.

Il-Belġju:

Il-kmamar tal-avukati li jikkellmu l-Franċiż/Ġermaniż [PDF](#) (393 KB) [mt](#) ul-Olandiż [PDF](#) (392 KB) [mt](#) huma responsabbli biex jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

Il-Bulgarija [PDF](#) (209 KB) [mt](#)

Ir-Repubblika Ċeka [PDF](#) (333 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati u ditti jew kumpaniji legali huma responsabbli biex jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni. Il-Kamra tal-Avukati ma tissorveljax it-taħriġ kontinwu iżda biss l-attivitajiet ta' taħriġ tagħha stess.

Id-Danimarka [PDF](#) (206 KB) [mt](#)

Il-perjodu ta' induzzjoni jiġi organizzat minn uffiċċji legali jew ditti legali u mill-Kamra tal-Avukati u l-Għaqdiet tal-Avukati Daniżi.

Il-Ġermanja [PDF](#) (230 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati Ġermaniża u l-Qrati tal-Appell huma responsabbli biex jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni. It-taħriġ kontinwu jiġi ssorveljat minn Kmamar tal-Avukati Reġjonali, id-Deutsches Anwaltsinstitut u d-Deutsches Anwaltsakademie.

L-Estonja [PDF](#) (226 KB) [mt](#)

Il-perjodu ta' induzzjoni jiġi organizzat mill-Kamra tal-Avukati u l-universitajiet. It-taħriġ kontinwu jiġi ssorveljat mill-Kamra tal-Avukati.

L-Irlanda [PDF](#) (221 KB) [mt](#)

Il-perjodu ta' induzzjoni jiġi organizzat mill-Għaqdiet tal-Avukati u prattiki jew ditti legali privati.

Il-Greċja [PDF](#) (221 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati u l-Ministeru tal-Ġustizzja huma responsabbli biex jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

Spanja [PDF](#) (492 KB) [mt](#)

Il-Kmamar tal-Avukati u l-universitajiet huma responsabbli biex jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni. It-taħriġ kontinwu volontarju jingħata mill-Iskejjel tal-Prattika Legali.

Franza [PDF](#) (675 KB) [mt](#)

Skejjel Reġjonali tal-Kmamar tal-Avukati u l-Kunsill Nazzjonali tal-Kmamar tal-Avukati Franċiżi huma responsabbli biex jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni. It-taħriġ kontinwu jiġi ssorveljat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Kmamar tal-Avukati Franċiżi, il-Fondi interprofessjonali għat-taħriġ kontinwu tal-professjonijiet liberali u trejdnjins professjonali tal-avukati.

Il-Kroazja [PDF](#) (434 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati hija responsabbli biex torganizza l-perjodu ta' induzzjoni u biex tissorvelja t-taħriġ kontinwu.

L-Italja [PDF](#) (548 KB) [mt](#)

Kmamar tal-Avukati, fornituri tat-taħriġ privati, fornituri tat-taħriġ privati akkreditati mill-Kamra tal-Avukati, universitajiet u akkademji tal-avukati jew strutturi oħra stabbiliti mill-Kamra tal-Avukati jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni. Il-Kamra tal-Avukati tissorvelja t-taħriġ kontinwu.

Ċipru [PDF](#) (492 KB) [mt](#)

Il-Bord Legali tal-Kamra tal-Avukati jorganizza l-perjodu ta' induzzjoni.

Il-Latvja [PDF](#) (580 KB) [mt](#)

Uffiċċji legali jew ditti legali u istituzzjoni speċjali stabbilita mill-Kunsill tal-Avukati Ġuramentati jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni. Il-Kunsill tal-Avukati Ġuramentati jissorvelja wkoll taħriġ kontinwu.

Il-Litwanja [PDF](#) (490 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati u uffiċċji legali jew ditti legali jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni. Il-Kamra tal-Avukati tissorvelja wkoll attivitajiet ta' taħriġ kontinwu.

Il-Lussemburgu [PDF](#) (377 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati u uffiċċji legali jew ditti legali jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

L-Ungerija [PDF](#) (577 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati torganizza l-perjodu ta' induzzjoni.

Malta [PDF](#) (495 KB) [mt](#)

Uffiċċji legali jew ditti legali privati jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

In-Netherlands [PDF](#) (553 KB) [mt](#)

Uffiċċji legali jew ditti legali fornituri tat-taħriġ privati, fornituri tat-taħriġ privati akkreditati mill-Kamra tal-Avukati u akkademji tal-avukati jew strutturi oħra stabbiliti mill-Kamra tal-Avukati jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

L-Awstrija [PDF](#) (486 KB) [mt](#)

Il-Kamra tal-Avukati Uffiċċji legali jew ditti legali fornituri tat-taħriġ privati, fornituri tat-taħriġ privati akkreditati mill-Kamra tal-Avukati, universitajiet u akkademji tal-avukati jew strutturi oħra ta' taħriġ tal-Kamra tal-Avukati jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

Il-Polonja  (645 KB) 

Il-Kamra tal-Avukati hija responsabbli biex torganizza l-perjodu ta' induzzjoni u biex tissorvelja t-taħriġ kontinwu.

Il-Portugall  (477 KB) 

Il-Kamra tal-Avukati hija responsabbli biex torganizza l-perjodu ta' induzzjoni.

Ir-Rumanija  (496 KB) 

L-Istitut Nazjonali għat-Taħriġ u l-Iżvilupp u l-Unjoni tal-Kulleġġi tal-Konsulenti Legali Rumani jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni tal-avukati u l-konsulenti legali rispettivament.

Is-Slovenja  (478 KB) 

Is-Slovakkja  (486 KB) 

Il-Kamra tal-Avukati u uffiċċji legali jew ditti tal-avukati privati jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

Il-Finlandja  (467 KB) 

Uffiċċji legali u ditti legali u uffiċċji pubbliċi tal-għajjuna legali huma inkarigati milli jorganizzaw il-perjodu ta' induzzjoni.

L-Iżvezja  (454 KB) 

Il-Kamra tal-Avukati hija responsabbli biex torganizza l-perjodu ta' induzzjoni u biex tissorvelja t-taħriġ kontinwu.

L-iskedi informattivi tpoġġew flimkien mill-Kunsill tal-Kmamar tal-Avukati u s-Soċjetajiet Legali tal-Ewropa (CCBE) u ċ-

Ċentru Ewropew għall-Imħallfin u l-Avukati tal-EIPA fil-qafas tal-Proġett pilota dwar it-taħriġ ġudizzjarju Ewropew. Ikklikkja [hawn](#) għal aktar informazzjoni.

L-aħħar aġġornament: 01/02/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.